# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 16 ta' Mejju 2024

**Rik. Gur.Nru.: 108/2024 JPG**
**Kawza nru.: 23**

**TA u TAM**
**Vs**
**X**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 29 ta' Frar 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti zzewgu fir-Registru taz-Zwigijiet f'Malta fl-erbatax ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn (14/08/2002) [Dok A], mil-liema zwieg m'ghandhomx tfal;*

2. *Illi l-esponenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Dr. Ian Castaldi Paris fid-29 ta' Awwissu 2017 [Dok. B];*

3. *Illi l-partijiet ilhom aktar minn sitt xhur separati de facto u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;*

4. *Illi inoltre bejn l-esponenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment. Dan huwa kkonfermat mill-esponenti permezz tal- affidavits rispettivi taghhom ezebiti bhala Dok. C u Dok. D;*

5. *Illi ghalhekk ai termini tal-Artt XIV tal-2011, l-esponenti jixtiequ jitolbu d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg bejniethom;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:-*

1. *Tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti fl-erbatax ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn (14/08/2002) u*

2. *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra d-divorzju u/jew hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet esebita fl-4 ta' April 2024 li permezz taghha il-partijiet ddikjaraw li ma ghandhomx provi ulterjuri x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**TA xehed (vide xhieda fol 7)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar l-14 ta' Awwissu 2022 u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 29 ta' Awwissu 2017 fl-atti tan-Nutar Dr Ian Castaldi Paris. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**TAM xehdet (vide xhieda fol 8)** u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda tal-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment***

***adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-14 ta' Awwissu 2002 liema zwieg jgib certifikat numru 1328/2002 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Ian Castaldi Paris nhar id-29 ta' Awwissu 2017 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1328/2002 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**